KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TA' L-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 02

It-Tieni seduta ta' l-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Ħamis 8 t'Awwissu 2024 fis-6pm ġo sala ġewwa Pjazzetta, Triq Għar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Joe Aqulina | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgans | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:14pm:***

2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 74;
2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:
2.5 Dekasteri tal-Kunsillieri;
2.6 Approvazzjoni tal-*Management Letter Reply*
2.7 Sejħa għal post għall-impjieg ta' Project Manager
2.8 Formazzjoni ta' żewġ kumitati: Finanzi u Suġġerimneti/Ilmenti
2.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
2.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
2.11 Mozzjonijiet;
2.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

---

## 2.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**2.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier D Muscat

## 2.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 01

**2.2.1** *Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa 02 għall-approvazzjoni.*

**Il-Kunsillier J Dougall ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier E Borg. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 2.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**2.3.1** Is-sindku qal li kellu laqgħa mas-Supretendent M Haber mill-għassa ta' tas-Sliema fejn iddiskutew numru ta' punti fosthom:

*Community Policing*

- Il-*Community Policing;* fejn dan kien ġie mwiegħed li kien ser jinbeda sa l-aħħar tas-sena 2023 u s'issa dan għadu ma bediex. Kompla jgħid li għamel pressjoni kbira fuq is-Sup. Haber sabiex issir laqgħa mal-kummissarju tal-Pulizija. u l-Ministru ta' l-Intern.

**2.3.2** Is-sindku qal li kien mistieden flimkien mal-kunsillier J Dougall u s-Seg. Eżek. għal ***Walk-about*** **mas-Segretarju Parlamentari**, Glenn Bedingfield:

*Laqgħa ma Glenn Bedingfield*

- Ġie diskuss fejn il-*CleanMalta* għandu responsabbiltà' sabiex inaddaf f'ċertu żoni madwar il-lokalita'. Kompla jgħid li talab għal laqgħa oħra sabiex jitkellmu dwar indafa oħra li hemm bżonn isir f'tas-Sliema.

- Il-*cleaning robots*: dawn kellhom jibdew jiġu operati minn Marzu, pero' kellhom bżonn *charging station*. Il-kunsill identifika dan il-post li huwa ġewwa x-Xatt. Is-Sidku qal li jispera li sa l-aħħar tas-sajf ix-xogħol kollu jkun lest u dawn ir-robots ikunu jistgħu jibdew joperaw.

*Proġett GBD*

2.3.3 Iffirmar dwar il-kuntratt tal-proġett ta' Ġnien Bonello DuPuis. Is-Sindku spjega fuq fuq kif ser isir dan il-proġett.

2.3.4 **Il-problema tal-ħamiem:** *Problema tal-ħamiem*

- Qal li l-problema kienet kważi ssolviet meta l-kunsill kellu l-permessi sabiex jelimina l-ħamiem, pero' dawn il-permessi kienu twaqqfu
- Spjega li l-kunsill irċieva komunikazzjoni dwar permess ġdid li jista' japplika għalih l-istess kunsill sabiex jerġa' jibda jelimina l-ħamien madwar il-lokalita.
- Wara li s-Seg. Ezek. spjega l-kommunikazzjoni li rċieva fid-dettal.
- **Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni din il-proposta:**

  **Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti**

Il-kunsillier R. Borg qal li hemm bżonn li ssir kampanja edukattiva ta' għalfejn ser isir dan il-proċess.

Il-kunsillier J Dougall saqsa jekk għandu jsir risk assessment ħabba dan il-proċess.

*Ticket booths*

2.3.5 **Ticket booths:**

Is-sindku qal li kellu laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu Clayton Bartolo u l-Ministru ta' l-Artijiet Stefan Zrinzo Azzopardi fejn qalu li ser jappoġġaw il-kunsill fit-twettieq tal-bye-law dwar it-ticket booths ta' l-operaturi tad-dgħajjes li jinsabu primarjament ġewwa x-Xatt.

- Is-Seg. Ezek. spjega li waqt din l-istess laqgħa l-Ministru tat-Turizmu qal li ser ikopri l-ispejjeż għal magna tal-power wash li l-kunsill xtaq jixtri.

2.3.6

*Stedina għal-żjara fil-Moldova*

Is-sindku qal li l-kunsill irċieva stedina mill-kunsill tal-Belt ta' Balti fil-Moldova. Kompla jgħid li l-istedina ijja għas-Sindku u s-Seg. Eżek.

2.3.7 **Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia:** *Laqgħa ma l-Onor. Omar Farrugia*

- Onsite visit fi Ġnien Indipendenza sabiex isir xogħol strutturali u ta' manutenzjoni fl-istess Ġnien mad-diviżjoni tax-xogħol pubbliku
- Xogħol ta' emergenza biex jitata' *b'fencing* l-blat li hemm fil-bajja ta' Fond Għadir
- Kompla s-sindku fejn qal li saret diskussjoni dwar il-proġett tal-pedestrianization ta' ħdejn it-Teatru Salesjani u saret talba għall-għajnuna finanzjarji peress li l-ispejjeż għal dan il-proġett qabżu sew il-baġit li kellu allokat għalih il-kunsill permess tal-fondi ta' skema tad-DLG.
- Saret referenza għal proġetti tad-DPF taz-zuntier tal-Knisja tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor
- Is-Sindku qal li għamel talba sabiex il-kunsill jingħata żewġ ħaddiema mill-PWD biex jgħinu fil-ħafna xogħol li għandu, fejn dawn il-ħaddiema jitħallsu mill-PWD u l-kunsill ikopri spejjez oħra relatati mal-materjal użatt għal manutenzjoni.
- Is-Sindku qal li bħalissa qed jinbidel u jinżebaħ l-injam kollu tal-bankijiet ta' Ġnien Indipendenza.

Il-Viċi Sindku qal li hemm kwistjoni dejn d-dipartiment ta' l-artijiet u l-Kurja dwar min hu responsabbli miz-zuntieri tal-knejjes peress li dawn imissu mal-bankini u għaldaqstant huma fuq art pubblika.

2.3.8 *Laqgħa mal-MRU*

Is-sindku qal li ltaqa' mal-Malta Rangers Unit. Talab għar-rata ta' ħlas tagħhom.

Il-kunsillier R. Borg saqsa jekk il-kunsill għandu intenzjoni li jaħdem fuq bye-law dwar il-BBQs fuq il-bajjiet.

Is-Sindku saqsa jekk il-kunsillieri preżenti jaqblu li jinbeda xogħol ta' għassa f'żoni differenti tal-lokalita'.

L-ammont li ser jitħallsu r-Rangers huwa dak ta' EUR6.25 is-siegħa.

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

2.3.9 *Triq Robert Arrigo*

Is-Sindku saqsa lis-Seg. Ezek. sabiex jagħti spjegazzjoni dwar ir-rikors li rċieva l-kunsill rigward Triq Robert Arrigo, tkellem ukoll dwar il-proċess ta' kif l-isem ta' din it-triq nbidlet u qara' korrispondenza li rċieva mic-Chairperson tal-kumitat tal-bdil tat-toroq is-Sur C Flores.

## 2.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

2.4.1 Il-kunsillier R. Borg spjega li peress li ridt iżomm mal-proċeduri tal-kunsill, ma xtaq iressaq il-mozzjoni tiegħu f'din il-laqgħa, iżda kien ser jistenna sakemm isib sekondant, biex imbagħad iressaq il-mozzjoni fil-laqgħa li jmiss. *Mozzjoni posposta*

Il-kunsillier R. Borg saqsa jekk il-kunsill għamel rapport jew kwerela dwar van li fih numru ta' tankijiet tal-gas, li huwa ta' periklu kbir. *Van ta' periklu*

Kompla jgħid li rċieva email mill-għaqda sajjieda slimiżi fejn dawn qalu li meta saret l-aħħar attivita' ta' l-għawma tal-President fil-bajja ta' Taormina kien hemm diffikultà sabiex tinżel ambulanza. Din l-email ġiet preżentata lil kunsill. Għaldaqstant saqsa jekk jista' isir xogħol sabiex titwessa c-central strip li hemm qabel ma tinżel għar-rampa ta' l-istess bajja. *Xogħol propost fil-bajja ta' Taormina*
R.Borg qal li jkun tajjeb li jitnaddaf iż-żona tal-bajja.

Il-Viċi Sindku qal li hemm pjan li f'Settembru ssir *cleanup* f'din iż-żona u saqsa li-Seg. Eżek sabiex jistieden l-Għaqda tas-Sajjieda sabiex jipparteċipaw f'din l-attivita'.

2.4.2 *Mistoqsijiet mill-Viċi Sindku*

Il-Viċi Sindku saqsa lis-Seg. Eżek. jekk jista' jkollu nformazzjoni dwar kemm idaħħal flus il-kunsill mill-*istreet advertising boards*. Is-Seg. Eżek irrisponda għad-domanda u qal li hemm madwar 64,000 ewro li qadt iridu jinġabru mill-kunsill. Kompla jgħid li mill-uffiċċju ser jara kif isir kuntatt mal-kredituri sabiex jitħallsu lura dan l-ammont pendenti.

Il-Viċi Sindku waqt li faħħar l-organizzazzjoni tas-Sliema Arts Festival saqsa jekk il-barijiet kienu ser jiġu operati mill-każini tal-baned, u s-Seg. Eżek kien qal li dawn il-barijiet kienu ser jiġu operati minn nies professjonali f'dan is-settur. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li meta żar il-festival sab li l-bar tal-main stage kien operat mill-barman tal-każin ta' San Girgor.

2.4.3

Il-Viċi Sindku saqsa ukoll jekk is-Seg. Eżek. jista' jgħid kemm ħallsu l-operaturi tal-barijiet għal kiri ta' l-istess barijiet għat-tlett ijiem tal-festival u jekk is-soċjetajiet l-oħra kellhom l-opportunita' sabiex japplikaw għal kiri tal-barijiet.

Is-Seg. Eżek spjega li bar inkwistjoni ma kienx operat min xi kumitat tal-każin pero' kien operat minn persuna li bħalissa tikri l-bar tal-każin tas-

Soċjeta' ta' San Girgor il-Kbir u għaldaqstant dan mhuwiex la membru tal-kumitat u wisq għanqas membru tas-Soċjeta', iżda opera indipendentement mis-Soċjeta' jew kumitat ta' każin.

Is-Seg. Eżek kompla jispjega li kien hemm sejħa pubblika fuq il-paġna tal-Facebook għal kull min ridt jipparteċipa fil-festival.

Is-Seg. Eżek. qal li l-ammont taż-żewġ barijiet kien dak ta' 1,500 ewro kull bar. Spjega li b'dawn il-flus tħallsu xi *suppliers* direttament.

## 2.5 DEKASTERI TAL-KUNSILLIERI

2.5.1 Is-Sindku qara' d-deskasteri tal-kunsillieri:

| Isem | Dekasteru |
|---|---|
| John Pillow | Infrastruttura, proġetti kapitali, ġonna u playing fields, sigurta' u infurzar. **Sotto kumitat:** siti ta' kostruzzjoni u maniġġjar tat-traffiku |
| Anton Debono | Indafa, knis tat-toroq, ġbir ta' skart, siti storici u NGOs **Sotto Kumitat:** Tindif |
| Wallace Baldacchino | Sports u promozzjoni ta' stil ta' ħajja b'saħħita. **Sotto Kumitat:** promozzjoni t'attivtajiet sportivi |
| Joseph Aquilina | Qasam Soċjali, nies bżonnijiet speċjali. **Sotto Kumitat:** Integrazzjoni Soċjali |
| Vivienne Galea Pace | Anzjani, **Sotto Kumitat:** ħarġiet u attivitajiet għall-anzjani |
| Zack Zammit | Żgħażagħ u tfal: Aġenżiji taż-Żgħażagħ, Soċjetajiet Mużikali u Parroċċi, Komunita' Kummerċjali. **Sotto Kumitat:** Proġetti għaż-żgħażagħ |
| Jacqueline Higgans | Edukazzjoni u bajjiet **Sotto Kumitat:** Inizjattivi eduakttivi |
| Ryan Borg | Fondi UE, Postijiet għal kiri (Airbnbs) **Sotto Kumitat:** Applikazzjonijiet tal-PA |
| Emanuel Borg | Ħarsien ta' l-Annimali **Sotto Kumitat:** ħarġiet u attivitajiet għall-anzjani |
| David Soler | Public Conveniences u Bulky refuse |
| Kevin Wain | Innovazzjoni, arti u monumenti f'żoni turistiċi. **Sotto Kumitat:** Ideat għat-tisbiħ ta' żoni turistiċi |
| John B Dougall | Żoni ta' tindif li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' ta' CleanMalta |
| David Muscat | Attivitajiet kulturali u ġemelaġġi **Sotto Kumitat:** Attivitajiet inklus dawk Natalizji |

## 2.6 APPROVAZZJONI TAL-MANAGEMENT LETTER REPLY

2.6.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-management letter reply lil kunsillieri preżenti.

**Dan ġie approvat bi qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti, minbarra l-kunsillieri R. Borg, Z. Zammit u J. Aquilina peress li dawn ma kienux parti mill-kunsill preċedenti.**

2.7 **SEJĦA GĦAL POST GĦALL-IMPJIEG TA' PROJECT COORDINATOR**

2.7.1

Is-Seg. Eżek. spjega l-proċess u r-rwol ta' din il-pożizzjoni li ser tinfetaħ għall-impjieg *full-time* mal-kunsill, dak ta' *Projects Manager.* Is-Seg. Eżek.qal li l-kunsill lokali għandu biex iħallas is-salarju addizzjonali b'mod indefinit.

Is-Sindku ressaq din is-sejħa għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti.

**Kien hemm qbil unanimu dwar mill-kunsillieri preżenti.**

Il-kunsillieri W. Baldacchino u E. Borg ħarġu mill-laqgħa 7:48pm

2.8 **FORMAZZJONI TA' ŻEWĠ KUMITATI: FINANZI U SUĠĠERIMENTI**

2.8.1 Membri fil-kumitat tal-Finanzi:
Viċi Sindku, R Borg, Z Zammit

Il-kunsillieri W. Baldacchino u E. Borg daħħlu lura għal laqgħa 7:53pm

2.8.2 Membri fil-kumitat Finanzi u Suġġerimenti:
J Aquilina, W Baldacchino, J Higgans, V Galea Pace, D Soler, K Wain

*Sotto kumitat tat-tindif*

2.9 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI JEW SOTTO KUMITATI**

2.9.1 Il-Viċi Sindku spjega li sejjaħ l-ewwel laqgħa tas-sotto kumitat tat-tindif (anness minuti u/jew rapport tas-sotto kumitat)

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti dwar il-proposti li ressaq is-sotto kumitat tat-tindif.**

*Approvazzjoni tal-pagamenti*

2.10 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

Ġiet imressqa l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-kunsill

2.10.1 **Il-kunsillier W Baldacchino ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.**

**Il-kunsilliera Z Zammit is-sekondat.**

**Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti.**

2.11 **MOZZJONIJIET**

2.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

2.12 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Is-seduta ntemmet fil-8:15pm.

2.12.01 Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn it-2 ta' Settembru, 2024, fis-6pm.

John Pillow
Sindku

Pierre P Portelli
Segretarju Eżekuttiv

Minuti Approvati 2 ta' Settembru 2024.